# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 510/2018 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**PG**

**vs**

**DG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PG, datat 15 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, disgha u tmenin [1989] fil-Knisja Parrokkjali Ta' Xbiex, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat DOK A u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel ossia KAG, illum maggiorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef mis-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elf, disa' mija, disgha u disghin [1999], li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata DOK B;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghall dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet dan stante li skond l-*

*istess kuntratt ta' separazzjoni [ara dok B] il-partijiet irrinunzjaw b'mod irrevokabbli mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin;*

*Illi lanqas ma hemm manteniment dovut fir-rigward tat-tifel tal-partijiet stante li illum huwa maggiorenni u ghandu impjieg full time;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ghalkemm gie debitament notifikat u pprezenta affidavit (fol 11) huwa baqgha kontumaci (Vide fol 17 – verbal ta' 31 ta' Jannar, 2019);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti PG** xehdet viva voce a fol 14 *et seqq*. illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Gunju 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-17 t'Awissu 1999 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li

llum il-gurnata huwa maggorenni u jahdem *full-time*. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament mil-1999, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**L-intimat, DG** xehed permezz t'affidavit a fol 12 u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentenment pprovat illi wara z-zwieg taghhom tad-9 ta' Gunju 1989 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, a fol 4), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 t'Awissu 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Dok B a fol 5 et seqq.), u ghalhekk ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**